**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 24 t'April 2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**ANGELO VELLA**

Kump Nru. 204/2012

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Angelo Vella** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 74283M gie akkuzat talli:

1. nhar it-8 ta' Dicembru 2011 ghall-habta tas-02:00am gewwa Triq il-Labour Zabbar, waqt li kont qed taghmel uzu minn vettura tal-marka Fiat bin-numru ta' registrazzjoni CBU147, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, hbatt ma' vettura b'numru tar-registrazzjoni JON720 u involontarjament ikkagunajt griehi ta' natura gravi per durata lil Jonathan Cini hekk kif iccertifikat minn Dr. Rene Camilleri MD tal-isptar Mater Dei, liema griehi gabu periklu ghall-hajja tal-istess Jonathan Cini.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kont qed taghmel uzu minn vettura tal-marka Fiat bin-numru ta' registrazzjoni CBU147, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, hbatt ma' vettura b'numru tar-registrazzjoni JON720 u involontarjament ikkawzajt hsara fuq din l-istess vettura ghad-detriment ta' Jonathan Cini u/jew xi persuni ohra.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamilt uzu jew pruvajt taghmel uzu jew kellek kontroll ta' vettura b'numru ta' registrazzjoni CBU147, fit-triq jew f'post pubbliku, meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, soqt pruvajt issuq jew kellek fil-kontroll tieghek vettura b'numru tar-registrazzjoni CBU 147, fit-triq jew f'post pubbliku, wara li kkunsmajt tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt mill-ligi.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt l-imsemmija vettura b'sewqan eccessiv.

6. U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza u negligent.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, jghogobha tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' Angelo Vella ghal dak il-perjodu taz-zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-21 ta' Frar 2012 (ara *folio* 5) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri inkluz l-imputat minn jeddu;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succint, dak li rrizulta f'dan il-kaz, kien is-segwenti.

L-**Ispettur Robert Said Sarreo** xehed u kkonferma li nhar it-8 ta Dicembru 2011 ghall-habta tal-5.00a.m. kien ircieva telefonata minghand PS 91 Michael Buttigieg tal-ghassa tal-pulizija ta' Haz-Zabbar fejn gie infurmat li kienet sehhet kollizjoni gewwa Triq Labour Haz-Zabbar ghall-habta tas-2.00a.m. u li kien hemm persuna fil-perikolu tal-mewt. Huwa acceda fuq l-post tal-incident u ra l-vettura tal-ghamla Toyota Vitz nurmu ta registrazzjoni JON 720 ta kulur iswed imdahhla go arblu tad-dawl fuq in-naha tax-xellug int u sejjer lejn il-Fgura. Il-vettura kellha hsarat estensivi u kien hemm ukoll tac-Civil Protection fuq il-post tal-incident. Fuq in-naha tal-lemin tat-triq kien hemm ukoll il-vettura l-ohra tal-ghamla Fiat Fiorini numru ta registrazzjoni CBU 147 li ukoll kellha hsara fuq in-naha ta' quddiem taghha. Gie mgharraf mis-surgent li Jonathan Cini kien inhareg mill-vettura bl-ghajnuna tas-Civil Protection u ittiehed lejn l-Isptar u dan gie ccertfikat li kien fil-perikolu tal-mewt kif stqarr Dr. Rene Camilleri, liema certifikat relattiv gie esbeit u mmarkat bhala dok 1[1]. Huwa ghalhekk kien informa lill-Magistrat Dr. Anthony Vella li fetah inkjesta u gew nomianti diversi esperti.

Huwa kellem lill-imputat li rrilaxxja stqarrija u qallu li kien qieghed tieg il-Vibes mat-tfajla tieghu u wara kien mar iwassalha id-dar Haz-Zabbar ghall-habta tas-1.30 a.m. u kien sejjer lura id-dar tieghu B'Bugia. Meta kien ghaddej minn Triq il-Labour, Zabbar sehhet il-kollizjoni. Stqarr li ma kienx ra l-vettura ta' quddiemu u ghalhekk kien laqatha u baqa' sejjer. Spjegalu li kien sejjer lejn id-direzzjoni tal-Fgura, fejn hemm dahla ta' Haz-Zabbar u hemm hanut tas-Southern Fried Chicken, u hemmhekk hemm kisra fejn il-karozzi li gejjin mill-faccata jidhlu lejn Haz-Zabbar u dak il-hin kien qed ihares lejn dik il-bicca biex jara jekk kienux gejjin karozzi ghal fuqu

[1] Fol. 14

u kien dak il-mument meta ma rax il-karozza. Innega li kien xorob hafna u li kien taht l-influwenza ta' xorb u li kien ghaddej bi speed eccessiv.

Jghid li kien tkellem mas-Surgent u dan qallu li l-imputat kellu riha ta xorb minkejja li qallu li kien ha sitt ifliexken birra biss it-tieg u hadu l-ghassa ta' Bormla fejn ghamlulu l-*breathalyzer test* li rrizulta fil-pozittiv. Ir-rizultat kien ta' 65mg/100ml kif jirrizulta mid-dokument esebit u mmarkat bhala dok 2.[2] Huwa esebixxa wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li giet immarkata bhala dok 3.[3]

L-Ispettur spjega li dak li rrizultalu mill-investigazzjoni kien li l-imputat kien ser jaqla' lill-parte civile u laqtu mal-genb. Mistoqsi fejn laqtu jghid li ma jafx liema kienet l-ewwel daqqa ghaliex kellu hafna daqqiet.

**EX PS 91 Michael Buttigieg** xehed u spjega kif kien mar fuq il-post dak in-nhar tal-incident u sab vettura tal-ghamla Toyota Vitz ta' kulur iswed bin-numru ta' registrazzjoni JON 720 li kienet misjuqa minn Jonathan Cini u vettura tal-ghamla Fiat Fiorino ta' kulur abjad numru ta' registrazzjoni CBU 147 misjuqa minn Angelo Vella.

Huwa minnufih mar fuq l-vettura Toyota u ra li kien hemm Cini imwahhal mas-seat tieghu mahbut mal-arblu tad-dawl. Kelmu u dan qallu li ma setghax jiccaqlaq u bl-ghajnuna tas-Civil Protection gie mahrug mill-vettura u mehud l-Isptar Mater Dei. Il-vettura ta Vella kienet waqfet ftit il-boghod minn fejn sehh l-incident u x'hin is-sur Vella mar hdejh innota li kellu riha ta' xorb u kien ghalhekk li akkompanjah l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla biex isir il-breathalyser test. Mistoqsi jekk kellimx lil Cini jghid li kelmu u dan spjegalu li kien gej mid-direzzjoni ta' Bormla go Labour Road, direzzjoni lejn il-Fgura u minn gol-mera ra wiehed gej li kien ser jaqbzu tefghalu mal-genb u f'daqqa u l-hin tah daqqa u bhala rizultat spicca imkahhal mal-arblu tad-dawl. Qallu li kien tefa' mal-genb ghaliex il-vettura li ra dehret mghaggla pero xorta laqtitu. Huwa esebixxa l-okkorrenza li giet immarkata bhala dok 4. [4]

**PC 1603 Mario Muscat** xehed li kien hu li akkompanja lill-imputat l-ghassa tal-pulizija Bormla sabiex jiehdu il-breathalyser test ta' Angelo Vella. Qal li l-imputat ma bediex jonfoh sew u ghalhekk ghamlulu t-test aktar minn darba wahda. Pero ir-

---

2 Fol. 18
3 Fol. 15
4 Fol 23,

rizultat finali kien ta' 69mg/100ml. Qal li ghall-ewwel l-apparat ma hadimx ghaliex l-imputat ma kienx qed jonfoh sew.

**PC 1580 Jonathan Paris** jikkonferma li l-imputat kien ittiehed l-ghassa ta Bormla nhar it-8 ta Dicembru 2011 sabiex isir breathalyzer test fuqu u kkonfemra li dan it-test sar minn PS 1210. Mistoqsi jgharafx lill-imutat iwiegeb fin-negattiv u jghid li sa fejn jiftakar hu r-rizultat kien wiehed pozittiv.

**Dr Rene Camilleri** xehed[5] u kkonferma li kien ra lil Jonathan Cini l-isptar Mater Dei nhar it-8 ta Dicembru 2011 ghall-habta ta 3.04a.m.u kkonferma li kellu griehi ta' natura gravi. Muri id-dokument esebit fl-atti a fol 14 immarkat bhala Dok 1 u jghid li dak hu c-certifikat li kien irrilaxxjat minnu u kkonferma il-kontenut tieghu.

**Stephen Cachia** xehed ghan-nom u in rappresentanza ta' Transport Malta u kkonferma li l-vettura Toyota Vitz numru ta' registrazzjoni JON 720 fil-jum ta' l-incident kienet registrata f'isem Joseph Cini u giet trasferita ghal fuq Joseph Mifsud nhar is-16 ta' Frar 2012. Waqt li l-vettura tal-ghamla Fiat Fiorino numru ta' registrazzjoni CDU 147 fil-jum tal-incident kienet tghajjat lil Angelo Vella u fl-20 ta' Mejju, 2013 giet trasferita lil certu Emmanuel Cassar kif jirrizulta mid-dokument SC esebit fl-atti.[6]

**ARO Stephen Belli** xehed u spjega kif kien gie imsejjah fuq il-kollizjoni li sehhet f'Labour Road, Zabbar nhar it-8 ta' Dicembru 2011 ghall-habta tas-2.00a.m. Ikkonferma li fuq il-post kien hemm il-vettura Toyota Vitz imdahhla go arblu u go fiha kien hemm persuna maqbuda u ghalhekk qatghu l-karozza biex harguh minnha. Fil-vicinanzi kien hemm karozza ohra li kienet involuta f'din l-ikollizzjoni. Ix0xhud **Christopher Buttigieg** jghid li kien ma' Belli u kkonferma x-xhieda li ta Belli u mistoqsi jekk din il-persuna qaltilhomx kif sehh l-incident ighid li le ma qaltilhom xejn u zied jghid li kellha hafna ugiegh f'saqajha.

**Dr Mario Buttigieg** xehed u kkonferma li kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti bhala espert tat-traffiku u gharaf ir-relazzjoni tieghu li tinsab esebita fl-atti tal-inkjesta a fol.20 u kkonferma l-konkluzjonijiet tar-relazzjoni tieghu.

---

5 Seduta tat 8 ta April 2014 fol. 48
6 Fol.. 52

Skond l-espert tekniku, mill-evidenza li thalliet fuq il-post, huwa seta jikkonkludi is-segwenti:-

1. Li l-imputat u l-parte civile kienu qed isuqu fl-istess direzzjoni wara xulxin;

2. Illi meta qabzu l-inkrocju li hemm gewwa Triq tal-Labour, sehh l incident;

3. Illi bid-daqqa, it-Toyota halliet *skid marks* bir-rota tan-naha tal-lemin b'konsegwenza li l-vettura habtet u strahet ma l-arblu;

4. Illi minn naha l-ohra l-imputat, ghal xi raguni, minflok li waqaf jew naqqas l-ispeed, kompla ghaddej bl-istess velocita fejn baqa' diehel fuq il-wara tal-vettura ta' Cini;

5. Illi Vella halla brejkijiet tieghu f'wicc it-triq u dawn bdew 23.2 metru 'l boghod mill-inkrocju li jinsab fit-triq tal-allegat incident.

**Il-Perit Richard Aquilina** xehed u kkonferma li kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti bhala perit tekniku u gharaf ir-relazzjoni tieghu flimkien mal-pjanta imhejjija minnu li jinsabu esebiti fl-atti tal-inkjesta a fol.10 et seq u kkonferma il-konkluzjonijiet tar-relazzjoni tieghu. Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta s-segwenti[7]:-

1. L-incident sehh fi Triq Labour bejn Triq il-Madonna Medjatrici u Triq il-Vittorja.
2. Din il-parti tat-triq ghandha kurvatura hafifa u fiha zewg karreggjati, wahda kontra l-ohra u bankina wiesgha fuq kull naha.
3. L-art kienet xotta.
4. Il-vettura tal-ghamla Toyota Vitz Numru JON 720 kellha daqqa kbira fuq wara lemin, fuq il-parti ta wara tal-mudguard ta' quddiem naha tal-lemin u fuq il-bieba, bil-body imdahhal gol-arblu.
5. Dashboard imfarrak, zewg airbags miftuha, saqaf mifqugh 'l gewwa.
6. Il-kanna bit-traffic sign li kienet qrib l-arblu kienet imqaccta.
7. Arblu b'daqqa u brix gholi sa 1.4m
8. Tkaxkir ta' tyre.
9. Hsarat fuq il Fiat Fiorino Nru CBU 147 kienu jikkonsistu fis-segwenti:
10. Daqqa fuq quddiem xellug, bumper u *mudguard*.
11. Rota tax-xellug quddiem mghattna.
12. Rota ta' wara tax-xellug bit-tyre imnizzel.

---

7 Fol. 12 et seq

**Dr Mario Scerri** xehed u kkonferma li kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti bhala espert mediku forensiku u gharaf ir-relazzjoni tieghu li tinsab esebita fl-atti tal-inkjesta a fol.86 u kkonferma il-konkluzjonijiet tar-relazzjoni tieghu u appuntu li Jonathon Cini garrab ksur fl-ghadma tal-femur bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-8 ta' Dicembru 2011 u kkonferma li tali ferita hija ta’ natura gravi. Flimkien mar-relazzjoni tieghu huwa esebixxxa wkoll il-*medical history file* tieghu kif mehud mill-isptar Mater Dei.

**Jonathan Cini** xehed fl-atti tal-inkjesta u jistqarr li hekk kif wasal hdejn l-inkrocju li hemm gewwa din l-imsemmija triq u ra lill-imputat gej mill-mera u dan b’velocita qawwija, huwa ghalhekk tefa max-xellug tat-triq bil-mod biex ihallih jghaddi izda minflok li l-vettura ta` l-imputat qabzitu taghtu daqqa minn wara u l-istess vettura tieghu daret u baqghet diehla go l-arblu.

Huwa rega xehed viva voce il-Qorti u kkonferma li nhar it-8 ta’ Dicembru 2011 kmieni filghodu kien ghaddej minn Labour Road, Zabbar direzzjoni lejn il-Fgura u minn naha ta’ wara tieghu ra vettura. Huwa kien qed isuq vettura tal-ghamla Toyorta Vitz numru ta’ registrazzjoni JON 720. Kien id-dlam pero kien hemm vizibilita' tajba. Qal li huwa ra lill-imputat ghaddej b’velocita qawwija gej minn warajh bid-dawl mixghul u ghalhekk resaq lejn il-bankina fil-genb bit-tama li l-imputat jghaddi pero laqtu fil-genb tieghu. Bl-impatt, huwa resaq lejn in-naha tax-xellug u telgha il-bankina u kien hemm arblu tad-dawl u spicca fih bid-daqqa li qala minghand l-imputat. Jghid li l-imputat laqat il-genb tal-karozza tieghu. Spjega li huwa resaq lejn ix-xellug tieghu biex jipprova jevita l-impatt tal-vettura li kienet ‘*on coming’* izda laqtitu. Qal li sahansitra anke spicca l-isptar u sarulu xi punti. Qal li spicca tilef ix-xoghol ghax ma felahx jahdem *full time* u anke tilef il-vettura tieghu.

Muri ir-ritratti esebiti fl-atti mehuda minn PS 1184 ighid li dawk jirriflettu l-incident li sehh u kkonferma li tieghu hija l-vettura s-sewda u dik tal-imputat kienet bajda.

Illi nhar is-27 ta’ Jannar 2016 huwa esebixxa certfikat mediku li gie redatt minn Dr. Massimo Abela fejn jirrizulta li huwa ghandu dizabilita permanenti ta’ 6%. Dan id-dokument gie mmarkat bhala dok MA[8].

Mistoqsi in kontro ezami nhar l-11 ta Ottubru 2017 jekk jiftakarx l-incident stqarr li jiftakru u kkonferma li ma kienx intilef minn sensieh bhala rizultat tal-incident. Qal ukoll li xi zmien qabel ma sehh l-incident l-Awtoritajiet kienu taw it-tarmac lil din l-istess triq il-Labour u ghalhekk kienet lixxa. Ikkonferma li kien gej mid-dar qabel ma sehh l-incident u ftit qabel kien il-festa tal-Kuncizzjoni Bormla. Mistoqsi jekk kienx hareg minn *side road* ghal fuq Labour Road jghid li le mhux minnu; huwa kien miexi dritt.

**L-imputat Angelo Vella** xehed fl-atti tal-inkjesta quddiem il-perit tekniku AIC Richard Aquilina[9] u stqarr dak li qal viva voce il-Qorti aktar tard. Cahad dak li gie allegat li intqal minnu lis-surgent u cioe li kien ser jaqbez il-vettura l-ohra ghaliex filfatt il-vettura l-ohra ma kienx raha. Qal li kull ma hass kienet daqqa fuq quddiem fuq in-naha tax-xellug. Kif sehh l-impatt qal li ghafas il-brake sakemm l-istess van waqaf.

**Angelo Vella** ghazel li jixhed viva voce u b’mod volontarju u spjega kif sehh l-incident. Ikkonferma li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Fiat Fiorino numru ta' registrazzjoni CBU 147 fi Triq Labour, Zabbar sejjer min naha ta’ Haz Zabbar fejn hemm il-bieb ta’ Hompesch, u kien ghadu kemm wassal it-tfajla id-dar wara li kienu marru tieg in Naxxar. Minn Haz-Zabbar kien sejjer id-dar Birzebbuga.

Kien qieghed isuq u meta wasal fejn hemm il-hrug illi wiehed jigifieri jista johrog minn fejn il-knisja sehhet il-kollizjoni. Spjega li l-habta saret fuq il-main road fuq barra proprju fejn hemm il-hrug minn wara l-knisja. Huwa kien gej minn Haz-Zabbar sejjer lejn il-Fgura. X’hin wasal fejn hemm id-dahla, fejn bniedem jista jidhol jew johrog sehhet il-habta. Qal li l-vettura l-ohra ma kienitx quddiemu. Jekk hargitx min go *side road* jew minn *parking* ma jafx imma li jaf hu li quddiemu ma kienitx. Huwa hass il-habta ma’ genbu u ghalhekk ghafas il-brake u nizel mill-ewwel mill-vettura. Ix-xufier l-iehor ma setghax jinzel mill-vettura u ghalhekk mar itih l-ghajnuna. Hemmhekk hargu l-girien u cemplu ghall-ambulanza u tas-Civil protection.

8 Fol. 87
9 Fol. 31 tal atti tal inkjesta

Fuq il-post waslu l-pulizija u talbuh jimxi fuq il-linja tat-triq u hekk ghamel u wara l-pulizija iddecidew johduh l-ghassa ghall-*breathalyser*. Qal li mar l-ghassa u hemmhekk il-magna ma kienitx qed tahdem sew tant li t-test ghamlu xi erbgha darbiet. Qal li kemm dam it-tieg ha xi hames jew sitt birra ghax ma jixrobx. Muri l-iskizz maghmul mill Perit Aquilina jghid li jaqbel maghha. Mistoqsi xi speed kellu jghid li kellu xi 65 jew 70.

Dawn huma bazikament ir-rizultanzi processwali.

**Ikkunsidrat;**

Illi dawn ir-rizultanzi processwali, ezaminati bir-reqqa, huma tali li legalment u ragonevolment kellhom igibu lill-imputat passabbli ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu.

Propju nhar it-8 ta' Dicembru 2011, ghall-habta ta' 2:00am Jonathan Cini kien qed isuq il-vettura tieghu JON 720 fid-direzzjoni minn Haz-Zabbar ghall-Fgura, propju fit-Triq il-Labour. Minn warajh kien gej l-imputat Angelo Vella isuq b'velocita sostanzjali bil-vettura Fiat CBU 147; l-imputat jidher li ma rax il-vettura ta' quddiemu u bi traskuragni u b'mod perikoluz habat mal-vettura JON 720 bil-konsegwenza li involontarjament ghamel mhux biss hsara fuq il-vettura JON 720 izda wkoll involontarjament kkaguna griehi gravi per durata fuq il-persuna ta' Jonathan Cini. Di fatti il-vettura JON 720 giet imkahhla ma' arblu tad-dawl u Jonathan Cini kellu jinhareg bl-ghajnuna tal-Ufficjali tal-Protezzjoni Civili. L-imputat Angelo Vella ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba konsum ta' alcohol u dan il-konsum kien wiehed li ecceda il-limitu permess mill-ligi.

F'termini legali, fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova l-kaz taghha skond il-ligi kontra l-imputat u ghal dan l-incident stradali jahti biss u unikament l-imputat Angelo Vella.

**Ikkunsidrat;**

Ghall-finijiet ta' sanzjoni ftit li xejn hemm x'jinghad hlief li jigi mfakkar li vettura, jekk uzata b'mod traskurat u perikoluz, facilment tigi trasformata f'arma qattiela. Il-konsum tal-alcohol u d-droga (ghalkemm f'dan il-kaz ma kienx hemm droga), u s-sewqan ta' vettura ma humiex kompattibli u meta jitpoggew flimkien il-konsegwenzi jistghu ikunu ferm serji. F'dan il-kaz il-konsegwenzi kienu serjissimi anke jekk mhux fatali. Il-Qorti hi tal-fehma li s-sanzjoni applikabbli ghandha tirrifletti dawn il-konsiderazzjonijet minghajr ma jintesew il-principji tal-gustizzja, il-bilanc u l-ekwita`.

**Konkluzjoni;**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti**, wara li rat l-artikoli 17, 30, 31, 214, 215, 216, 218, 225, 226(1)(a), 326, 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 15(1)(a)(2), 15A, 15B, 15C, 15H tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib u tiddikjara lil **Angelo Vella** hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena tal-multa fis-somma ta` elfejn euro (€2,000) u tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan ghal perjodu ta` tmien (8) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta` l-ghada li din il-kawza tghaddi in gudikat.

In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qeda tikkundanna lill-ħati jħallas, lir-reġistratur, l-ispejjeż kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti kollha f'dan il-kaz, inkluz dawk mahtura fl-inkjesta.

Konsegwentement qed tordna komunika ta` din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali ta` Malta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur